**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni Numru: 149/2025**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Colin Sheldon)**

**(Spettur Christian Cauchi)**

**VS**

**AB**

**Illum is-18 ta' Frar, 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi kontra 'l hawn fuq imsemmi AB

Akkużat talli:

Nhar il-11 ta’ Frar, 2025 għall-ħabta ta’ 20:33hrs u/jew ħinijiet, u/jew ġranet, u/jew ġimgħat u/jew xhur preċedenti, fil-lokalita’ tal-Furjana u f’dawn il-gżejjer Maltin:

1. Bl-Imġieba tiegħek ikkaġunajt lill-mara tiegħek CD biża’ se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta’ tagħha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta’ ta xi’ ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1);

   **Artikoli 251B (1), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(i)(iv)(v) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta**

2. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi ħebbejt kontra l-persuna tal-mara tiegħek CD sabiex tinġurjha, idejjaqha jew tagħmel ħsara lilha jew lil ħaddieħor, kemm il-darba dan il-fatt ma jkunx jaqa’ taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodici Kriminali;

   **Artikolu 339 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta**

3. U aktar talli għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band’ oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

   **Artikolu 339 (1)(e) tal-Kap tal-Liġijiet ta’ Malta**

4. Permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettroniku, hedded li jagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li jġiegħel lill-mara tiegħek CD u lil ibnek EF jagħmlu xi ħaga jew għamilt użu ieħor mhux xieraq bih;

   **Artikolu 49 (a)(b)(c) tal-Kap 399 tal-Liġijiet ta’ Malta**

5. Kiser il-kundizzjonijiet impost fuqu b’digriet data nhar il-11 ta’ Frar 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Ian Farrugia LL.D li permezz tiegħu hu ngħata l-ħelsien mill-arrest u dan bi ksur tal-artiklu 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli għal-imsemmija reati, tirrevoka ‘contrario imperio’ d-digriet tal-ħelsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta’ l-

imsemmija AB, kif ukoll tordna li s-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) bħala garanzija personali jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta` ta' CD u EF billi jekk jidrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382 u 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' tal-partijiet lezi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tistabbilixxi l-liġi;

Għaldaqstant filwaqt li qiegħed nesebixxi l-fedina penali u kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat, nitlob li dan il-każ jiġi trattat skond il-liġi.

Il-Qorti rat li ċitazzjoni ġiet moqrija u ikkonfermata bil-ġurament fis-seduta datata 18 ta' Frar 2025;

Illi l-imputat irreġistra ammissjoni skond kif indikat fil-verbal datatat 18 ta' Frar 2025 quddiem din il-Qorti u meta l-Qorti tat lill-imputat żmien biżżejjed biex jerġa' jikkontempla l-ammisjoni tiegħu u meta reġa' ġie mistoqsi jekk hux qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu huwa ikkonferma l-istess ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta' l-imputat u l-fedina penali tiegħu u ma tħossx li l-imputat għandu jirċievi piena karċerarja effettiva, oltre wkoll illi ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li ma ġietx preżentata fedina penali allura l-Qorti qegħda tassumi li l-imputat għandu rekord kriminali nadif.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi u wara li l-Qorti rat l-l-ammissjoni ċara u inekwivoka ta' l-imputat, ssib lil AB ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u wara li rat l-Artikoli 251B(1), 251H(a)(b), 251HA, 202(h)(i)(iv)(v), 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 339 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tqiegħed lill-ħati taħt ordni ta' probation ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal żmien tlett snin mil-lum u timponi ordni ta' trażżin ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-persuna protetta hija dik ta' CD u EF u kwantu għall-akkuża numru ħamsa (5), tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' elfejn Ewro (€2000) depożitu magħmul permezz ta' digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta datata 11 ta' Frar 2019.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Maġistrat**

**Fabiana Grech**
**Deputat Reġistratur**